MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 152/2013

**A B**

vs

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet huma separati permezz ta' kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech tal-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), hawn anness u mmarkat bħala <u>Dokument CB1.</u>

2. Illi minn dan iz-zwieġ il-partijiet kellhom zewġt (2) itfal li jisimhom S B li twieled fil-ħmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) u N B li twieled fl-erbgħa (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (2005).

3. Illi ai termini tal-istess kuntratt, f'dak li jirrigwarda l-minuri il-partijiet ftehmu s-segwenti:

   (i) Dwar kura u Kustodja u Aċċess - Skond klawsola numru ħamsa (5): *'Il-partijiet jaqblu li l-kura u kustodja tal-minuri S B u N B tkun fdata f'idejn il-mara, b'dan li r-raġel ikollu aċċess għall-imsemmija uliedu, ġimgħa waħda nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgħa bejn il-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5:30pm)u d-disgħa ta' filgħaxija (9pm) u mill-Ġimgħa fil-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5:30pm) sal-għada s-Sibt fil-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5:30pm) u l-ġimgħa ta' wara nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis bejn il-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5:30pm) u d-disgħa ta' filgħaxija (9pm) u mis-Sibt fil-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5:30pm) sal-għada l-Ħadd fil-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5:30pm);*

   (ii) Dwar Manteniment - Skond il-klawsola numru sebgħa (7) il-partijiet ftehmu li *'Il-komparenti raġel jobbliga ruħu li jħallas lill-mara li taċċetta s-somma ta' erba' mija u sitta u sittin ewro (€466) fix-xahar għall-manteniment tal-imsemmija uliedhom minuri, liema somma tinqasam kwantu għal-mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233) għall kull wild, u dan sakemm l-istess minuri jagħlqu l-età ta' tmintax (18)-il sena,'* liema manteniment irid jizdied skond kif tipprovdi l-istess klawsola.

   (iii) Dwar l-ispejjez ta' edukazzjoni u saħħa - Skond l-istess Klawsola sebgħa (7) '*Il-partijiet jifthiemu inoltre li, oltre' l-imsemmi manteniment, ir-raġel għandu jħallas waħdu għall-mizati u/jew donazzjonijiet tal-iskola,*

*lezzjonijiet privati, kotba, trasport u uniformijiet tal-istess minuri u għas-servizzi mediċi meħtieġa minnhom li ma jiġux provduti b'xejn mill-Istat fi zmien raġjonevoli.'*

(iv) Dwar is-safar tal-minuri - Skond Klawsola sitta (6) *'Il-komparenti partijiet jaqblu u jifthiemu li l-imsemmija minuri S B u N B jistgħu jsiefru minn Malta biss bil-kunsens bil-miktub taz-zewġ partijiet, jew bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti.'*

4. Illi matul l-aħħar erbgħa (4) snin, irrizulta li l-arranġamenti li ftehmu l-partijiet fl-imsemmi kuntratt ma humiex fl-aħjar interessi għall-minuri u qiegħdin ikunu ta' detriment għalihom, speċjalment f'dak li jirrigwarda aċċess a favur il-missier, u dana minħabba li l-minuri jridu jibqgħu fir-residenza tal-missier sa' ħinijiet tard bil-lejl, anki fix-xitwa meta jkunu l-iskola, liema arranġament qiegħed jeffettwa lill-minuri anki fl-istudji tagħhom peress li issa qiegħdin jikbru;

5. Illi l-minuri anki resqu l-ilment tagħhom quddiem il-psikologa Ms. Carmen Sammut liema xhieda ngħatat quddiem dina l-Onorabbli Qorti;

6. Illi in oltre, għalkemm l-intimat obbliga ruħu li jħallas għall-ispejjez ta' edukazzjoni u mediċi, zvillupaw diversi diffikultajiet bejn il-partijiet li wasslu lil-esponenti sabiex saħansitra tintavola diversi proċeduri sià quddiem din l-Onorabbli Qorti u kif ukoll quddiem it-Tribunal għal-Talbiet Zgħar, u dan kif ser jiġi ppruvat ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-Kawża.

7. Illi in vista ta' dawn id-diffikultajiet l-esponenti tikkontendi li l-manteniment tal- ulied minuri S u N għandu jiżdied f'somma li jogħġobha tiprefiġġi din l-Onorabbli Qorti, liema somma tinkludi ukoll l-ispejjez ta' edukazzjoni u kif ukoll dawk mediċi u relatati ma saħħa, li jkollhom il-minuri, liema spejjez, fost provi oħra, l-esponenti ser tipprezentom lil din l-Onorabbli Qorti waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna sabiex ikun jista jiġi stabbilit manteniment adegwat li

jirrifletti l-bzonnijiet tal-minuri li jinkludi fiħ ukoll l-ispejjez ta' edukazzjoni u dawk mediċi u relatati ma saħħa.

8. Illi in oltre, peress li l-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet ma jirriflettix l-emmendi li saru permezz tal-Att XIV.2011.2 f'dak li jirrigwarda sakemm għandu jibqa jitħallas il-manteniment għall-minuri, l-esponenti tikkontendi li l-Klawsola sebgħa (7) għandha tiġi emmendata sabiex tirrifletti dak li jipprovdi l-Artikolu 3B tal-Kapitolu sittax (16) tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tal-manteniment għall-minuri S u N B.

9. Illi r-rikorrenti anki pproċededіet ai termini tar-regolament 9 tal-Avviz Legali 397/2003 u dana sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jaslu għall qbil bonarju bejniethom tramite l-proċedura tal-medjazzjoni, izda dan il-qbil ma sarx. Fil-fatt il-medjazzjoni ġiet dikjarata magħluqa u din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lir-rikorrenti sabiex jipproċedi b'din il-kawza kif jirrizulta mill-anness digriet mmarkat bħala Dokument CB2.

Talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja u okkorrendo kull dikjarazzjoni mahtiega u opportuna u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li :

1. Tordna li l-kuntratt tas-separazzjoni ffirmat bejn il-partijiet li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech tal-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), jiġi emmendat f'dak li jirrigwarda l-klawsola numru sebgħa (7), b'dana li din l-Onorabbli Qorti tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li jinkludi ukoll l-ispejjez ta' edukazzjoni u ikif ukoll dawk mediċi tal-minuri li jinkludu ukoll l-ispejjez ortodontiċi, l-ispejjez marbutin mas-settur mediku, mediċini u kull spiza oħra relatata ma' saħħet il-minuri, S u N B, liema manteniment għandu jirrifletti d-dħul attwali li għandu l-intimat, u għandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-intimat jew mill-impjieg jew xogħol li huwa għandu/jista' jkollu u tipprovdi

dwar l-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-għoli tal-ħajja.

2. Tordna illli l-kuntratt ta' separazzjoni li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech tal-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), jiġi emmendat b'dan illi l-klawsola numru sebgħa (7) tirrifletti l-emmedi mdaħħlin bl-Att XIV.2011.2 sabiex tirrifletti dak li jipprovdi l-Artikolu 3B tal-Kapitolu sittax (16) tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tal-manteniment għall-minuri S u N B u tordna li l-manteniment kif likwidat minn din l-Onorabbli Qorti għandu jibqa pagabbli f'kaz li l-minuri jkunu studenti li qiegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim *full-time* u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena.

3. Tordna illli l-kuntratt ta' separazzjoni li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech tal-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), jiġi emmendat b'dan illi l-klawsola ħamsa (5) li tirrigwarda l-aċċess a favur il-missier tiġi varjata sabiex id-dritt ta' aċċess a favur l-intimat jiġi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jirraprezenta l-aħjar interessi għall-minuri b'dana illi l-ħinijiet ikunu nhar ta'Erbgha mis-sitta ta' filgħaxija (6:00pm) sat-tmienja ta' filgħaxija (8:00pm), u l-Gimgha mill-ħamsa u nofs (5:30pm) sa' l-għada s-Sibt fil ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm);

4. Tordna illli l-kuntratt ta' separazzjoni li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech tal-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), jiġi emmendat f'dak li jirrigwarda l-klawsola numru sitta (6) b'dana li r-rikorrenti tiġi awtorizzata li tapplika waħedha għal passaporti tal-minuri mingħajr il-ħtieġa tal-intimat, u tordna li r-rikorrenti għandha żżomm dawn il-passaporti fil-pussess tagħha, b'dana li tgħaddihom lill-intimat meta huwa jkun irid isiefer lil-minuri wara li jagħti pre-avviż ta' tali safra ta' l-inqas xahar qabel u jinfurmaha bl-itinerarju shih tas-safar, inkluz il-perjodu tas-safar, il-pajjizi illi tkun jkunu ser izuru l-Minuri, u n-numri tat-telefon fejn jistgħu jiġu kkuntattjati l-Minuri waqt illi dawn ikunu ghall-esteru. b'dana li waqt is-safra l-Minuri għandhom ikellmu lill-genitur l-ieħor ta' l-inqas darba kuljum bit-telefon;

5. Taħtar Nutar sabiex jirċievi l-att;

6. Taħtar kuraturi sabiex jidhru fuq l-istess att jekk kemm il-darba waħda mill-partijiet tonqos milli tidher;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u tal-medjazzjoni precedenti għal dan ir-rikors, kontra l-intimat li hu minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu lkoll michuda, bl-ispejjez kontra taghha, u dan stante illi fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponent dejjem hallas puntwalment il-manteniment dovut minnu ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni personali iffirmat bejn il-kontendenti datat 10 ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) fl-atti tan-Nutar Dottor Riteinne Bugeja Fenech. Inoltre, l-esponent ihallas wahdu ghall-ispejjez kollha relatati mal-mizati tal-iskola, lezzjonijiet privati, kotba, transport u spejjez ohra edukattivi tal-ulied minuri tal-kontendenti kif ukoll ghas-servizzi medici. Illi t-talba tar-rikorrenti hija intiza unikament biex tkompli tghaffeg lill-esponent li m'huwiex f'posizzjoni li jhallas dak li gie maqbul bejn il-partijiet permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni taghhom, izda xorta dejjem onora u ghadu qed jonora l-obbligi tieghu. Il-kawza saret billi r-rikorrenti kellha tarbija ohra minn terza persuna, liema terza pesuna giet inkarcerata dwar importazzjoni massicca ta' droga f'Malta, u li issa hu evidenti li dahal fi krucjata kontra l-intimat sabiex "jikkastigah" billi joqghod jinkieh b'uliedu u bi proceduri gudizzjarju vessatorji. Il-kawza ghandha wkoll il-ghan li z-zieda fil-mantenient taghmel tajjeb ghall-ispejjez li gabet maghha t-tarbija l-gdida li ma hiex il-wild tal-esponent. Illi r-rikorrenti ma hi xejn hlief il-*lunga manus tal-*

*partner*[1] taghha bl-isess mod kif din il-kawza ma ghandha l-ebda skop genwin warajha. Il-manteniment li qed ihallas illum l-esponent hu aktar minn dak li jehtiegu l-minuri, u fil-fatt ma hux qed jigi utilizzat kollu ghall-bzonnijiet taghhom;

2. Illi fir-rigward tat-tieni talba, din ukoll qed tigi opposta stante illi ma hemmx il-htiega li din il-Qorti temenda l-kuntratt tal-partijiet biex jigi jirrifletti klawsoli li *se mai* huma applikabbli *ex lege*;
3. Illi t-tielet talba tar-rikorrenti ghandha tigi wkoll rigettata. L-esponent anzi jikkontendi illi l-access tieghu a favur l-ulied minuri ghandu jizdied fl-ahjar interess tal-minuri, stante illi l-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet ma jipprovdix dwar access favur il-missier fi granet ta' festi u gheluq snin l-ulied minuri. Inoltre l-esponent jirrileva illi fil-hinijiet ta' l-access huwa dejjem ha hsieb ghall-bzonnijiet kollha ta' uliedu u dejjem assigura li uliedu jaghmlu l-*homework* kollu, jistudjaw u jqattghu hin jaqraw. Fil-prezent, il-*partner* tar-rikorrenti iqatta ferm aktar hinijiet ma ulied il-kontendenti milli ghandu l-esponent;
4. Illi fir-rigward tar-raba' talba, din qed tigi wkoll opposta stante illi ma huwiex fl-ahjar interess tal-ulied minuri li r-rikorrenti tigi awtorizzata li tapplika wahedha ghal passaporti tal-minuri minghajr il-htiega tal-esponenti, u dan anke in vista tal-fatt li r-rikorrenti qed tghix flimkien mal-ulied minuri ma persuna li l-passat ricenti taghha juri konnessjonijiet vicini mal-kriminalita' organizzata barra minn Malta. Dan iwassal ghall-biza ta' harba mill-gzejjer Maltin fis-sens li l-ulied tal-kontendenti jittiehdu mill-gzejjer Maltin u ma jigux ritornati;
5. Illi l-hames u s-sitt talbiet rikorrenti ghandhom ukoll jigi rigettati;
6. Illi l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti esklussivament stante li l-kawza saret b'mod firvolu u vessatorju;
7. Illi l-esponent qed jipprevalixxi ruhhu mill-istanza attrici sabiex jintavola talba rikonvenzjonali (kontro-talba) skont il-ligi;

Salvi eccezzjonijiet ohra, u bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut; li permezz taghha ippremetta:

[1] Jew ragel jekk izzewwgu

1. Illi l-esponent qieghed jipprevalixxi ruhhu mill-istanza attrici u qed jippromwovi din it-talba rikonvenzjonali tieghu sabiex jikkawtela l-interessi tieghu u dawk ta' uliedu minuri S u N ahwa B.

2. Illi l-kontendenti izzewwgu fl-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, S u N B.

3. Illi l-partijiet huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech datat ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009).

4. Illi permezz ta' Klawsola numru 5 tal-istess kuntratt il-partijiet ftehmu illi *'l-kura u l-kustodja tal-minuri S B u N B tkun fdata f'idejn il-mara, b'dan li r-ragel ikollu access ghall-imsemmija uliedu, gimgha wahda nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgha bejn il-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30 pm) u d-disgha ta' filghaxija (9pm) u mill-Gimgha fil-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30 pm) u d-disgha ta' filghaxija (9pm) u mis-Sibt fil-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm) sal-ghada l-Hadd fil-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5.30pm).'*

5. Illi r-rikorrenti bdiet relazzjoni ma terza persuna li gie inkarcerat dwar importazzjoni massicca ta' droga f'Malta, u fil-prezent ir-rikorrenti qed tghix mieghu flimkien mat-tarbija li twieldet minn din ir-relazzjoni <u>u ulied il-partijiet</u>. Illi l-ambjent li qed jghixu fih l-ulied minuri hu wiehed li ser jikkagunalhom hsara irreparabbli stante' illi dawn qed jigu trattati bhala tfal tat-tieni klassi u mcahhda mill-bzonnijiet bazici. Illi r-rikorrenti sahansitra qed tonqos milli ssajjar ikel xieraq ghall-ulied u ta' kuljum qed tixrilhom *fast food* li certament huwa ta' detriment ghas-sahha ta' l-ulied; u dan minkejja li tircievi manteniment generuz minghand l-esponenti li suppost jintuza ghall-minuri. Illi minn naha tieghu, meta t-tfal ikunu ghandu, l-esponent jiehu hsieb it-trobbija ta' uliedu b'mod tajjeb u serju;

6. Illi hu indikat illi l-kura u kustodja ta' l-ulied minuri ghandha tigi fdata f'idejn il-konvenut rikonvenjent, bi dritt ta' access favur ir-rikorrenti rikonvenuta, u dan sabiex jigu salvagwardjati l-interessi tal-ulied minuri u jinghataw trobbija xierqa, mhux kif qed jigri fil-

prezent; u bi provvediment sabiex meta r-rikorrenti tezercita l-access taghha, ma jkunx prezenti l-*partner* taghha;

7. Illi matul l-ahhar erba' snin, irrizulta illi l-arrangament dwar l-access tal-missier ghal uliedu minuri mhuwiex fl-ahjar interess taghhom, stante illi l-kuntratt ta' separazzjoni ma jistipulax dwar access tal-missier versu uliedu fi granet ta' festi, inkluz il-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Ghid il-Kbir, Jum il-Missier, gheluq snin l-esponent u gheluq snin l-ulied minuri b'dan illi l-esponent qieghed jigi mcahhad minn access ma' uliedu f'dawn il-granet;

8. Illi l-manteniment li qed ihallas il-konvenut rikonvenjent hu izjed minn dak li hu ragjonevolment mehtieg ghat-trobbija tal-ulied minuri, u bhala fatt jirrizulta li l-manteniment li qed jithallas mill-esponent ma hux qed jintuza kollu ghal uliedu minuri. Illi wkoll konsegwenzjalment ghat-talba biex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata lill-intimat, ghandha tkun l-attrici li tibda tissomministra manteniment ghat-trobbija tal-ulied minuri;

9. Illi ghalhekk kellha ssir din it-talba rikonvenzjonali.

Talab li r-rikorrenti rikonvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. **Tordna** illi l-kuntratt tas-separazzjoni iffirmat bejn il-partijiet li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech tal-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) jigi emendat f'dak li jirrigwarda l-klawsola numru (5) b'dan illi **tafda** lill-intimat bil-kura u kustodja ta' uliedu minuri S u N B bi dritt ta' access favur ir-rikorrenti rikonvenuta li jigi ezercitat minghajr il-prezenza tal-*partner* tal-attrici ;
2. **Tordna** illi l-kuntratt tas-separazzjoni iffirmat fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech tal-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) jigi emendat f'dak li jirrigwarda l-klawsola numru sebgha (7) b'dan illi l-obbligu tal-hlas ta' manteniment tal-esponenti versu uliedu minuri jieqaf u minflok **tikkundanna** lir-rikorrenti rikonvenuta sabiex thallas ghall-ulied minuri dik ir-retta alimentarja dovuta skont il-ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi

tal-hajja, u ordni ghall-hlas dirett mill-paga taghha, li ghandhom jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, u subordinatament u jekk din it-talba ma tigix milqugha, tordna riduzzjoni fl-ammont ta' manteniment pagabbli mill-esponent ghall-minuri;

3. **Tordna** illi l-kuntratt tas-separazzjoni imsemmi jigi emendat f'dak li jirrigwarda l-klawsola numru tmienja (8) b'dan illi *c-children's allowance* pagabbli mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ghar-rigward tal-ulied minuri u beneficcji ohra pagabbli lill-familja ghandhom jigu percepiti mir-Ragel;
4. F'kaz illi l-ewwel talba tigi michuda, **tordna** illi l-kuntratt tas-separazzjoni jigi emendat f'dak li jirrigwarda l-klawsola numru hamsa (5) b'dan illi l-kura u kustodja tal-ulied minuri S u N B tigi fdata konguntivament f'idejn il-kontendenti;
5. Subordinatament u bla pregudizju ghall-premess, **tordna** illi jigu stabbiliti granet u hinijiet ta' access a favur l-esponent versu uliedu minuri fil-granet ta' Jum il-Milied, L-Ewwel tas-sena, l-Ghid il-Kbir, Jum il-Missier, f'gheluq snin l-esponent u fil-granet ta' gheluq snin l-ulied minuri;
6. **Tahtar** Nutar sabiex jircievi l-att;
7. **Tahtar** kuraturi sabiex jidhru fuq l-istess att jekk kemm il-darba wahda mill-partijiet tonqos milli tidher.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti rikonvenuta li qieghda tigi minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenjent;

Rat ir-risposta mahlufa tal-attrici rikonvenzjonata; li permezz taghha eccepiet :

1. Preliminarjament, illi t-talba rikonvenzjonali mressqa mill-konvenut rikonvenzjonat hija inamissibli mill-ligi u dana stante li:

(i) huwa ma setghax jipprevalixxi ruhu mill-istanza attrici sabiex jintavola talba rikonvenzjonali stante li t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonat qatt ma kienu mertu tal-medjazzjoni li fethet l-attrici rikonvenzjonata;

(ii) Illi l-ligi hija tassattiva u tipprovdi, senjatament skont ir-Regolament 9[1][c] tal-Avviz Legali 397/2003 li l-parti ghandha "*tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x' inhi t-talba taghha.*" Illi din il-kawza hija msejjsa fuq dak li talbet l-attrici fl-ittra taghha u xejn aktar u ghalhekk kif anki dejjem rriteniet din l-Onorabbli Qorti, anki fil-kawza fl-ismijiet **A B vs. C B** (Rikors Mahluf bin-numru **501/2007NC** deciza fis-7 ta' Dicembru 2010 *'Ir-ratio legis ta' din il-parti tal-ligi huwa car, u cioe' li meta tinqala' kwistjoni bejn il-partijiet dwar haga, li tidhol fl-ambitu tal-kazijiet indikati fir-regolament 9, ghandha tinfetah medjazzjoni, qabel ma ssir il-kawza, bl-iskop li l-medjatur jipprova jwassal lill-partijiet ghal ftehim dwar dik il-kwistjoni ndikata fl-istess ittra. Dan ifisser li l-medjazzjoni tkun saret fuq dik il-kwistjoni biss; u ghalhekk, fin-nuqqas ta' provi li juru l- kuntrarju, il-prezunzjoni hi li dak li gie diskuss fil-medjazzjoni hija l-kwistjoni li tkun giet indikata fl-ittra, sakemm il-kwistjoni ma tkunx indikata b' mod generali bhala wahda ta' firda personali fejn allura jigu diskussi l-effetti konsegwenjzali kollha tas-separazzjoni; izda meta bhal fil-kaz prezenti l-ittra tkun limitata ghal haga wahda biss, …..(ommisis)…. u l-medjazzjoni tkun inghalqet minghajr success u l-parti tkun allura giet awtorizzata'* tipprocedi bil-kawza, din l-awtorizzazzjoni tkun valida biss ghall-kwistjoni ndikata fl-ittra.'

(iii) Illi ghalhekk t-talba rikonvenzjonali tal-intimat ghandha tigi michudha fuq bazi ta' din l-eccezzjoni preliminari, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonat ghandhom jigu michudha, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Illi l-premessi tal-konvenut huma msejjsa fuq gideb sfaxxat li ma jaghmel xejn hlief ikompli jipprova l-karattru dghajjef tieghu li huwa intiz biss sabiex jimpika mal-attrici rikonvenzjonata bhalma ilu jaghmel ghall dawn l-ahhar erbgha (4) snin fuq kull pendenza li setgha kellhom il-partijiet.

(ii) Illi l-esponenti tichad bil-qawwa l-allegazzjonijiet malizjuzi li saru fil-konfront taghha u tas-sieheb taghha u tirriserva minn

issa li tiehu l-passi kontra l-intimat ghall-gurament falz li huwa ha u tirriserva ukoll li tipprovdi l-provi kollha fir-rigward ta' tali akkuzi malafamanti waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

(iii) Illi dan l-attentat tal-konvenut permezz ta' din it-talba rikonvenzjonali huwa biss tattika sabiex jipprova fi kliem li ghazel huwa stess, izomm lill-attrici bhala l-*'lunga manus'* tieghu, allavolja l-partijiet sseparaw u ddivorzjaw, u dana sabiex ikompli jezercita d-dominanza u l-abbuzi tieghu fil-konfront taghha u tal-ulied, tant li anki impika biex ir-rikorrenti tigi assenjata d-dar matrimonjali li hija xtrat lecitament permezz ta' proceduri ta' subbasta, tant li kellhu jinhareg mid-dar matrimonjali permezz ta' mandat ta' zgumbrament;

3. Illi dwar l-ewwel talba rikonvenzjonali, l-attrici rikonvenzjonata tikkontendi li din ghandha tigi michudha u dana stante li ma huwiex fl-interess tal-minuri li jkunu affidati fil-kura tal-konvenut, u dana kif anki kkonfermat l-psikologa Carmen Sammut quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta waqt attentat iehor malizjuz tal-konvenut sabiex jiehu lil-minuri minn ma' ommhom l-attrici li tant trabbihom f'ghozza u mhabba, li kien msejjes biss fuq pika;

4. Illi dwar it-tieni u t-tielet talba rikonvenzjonali, dawn ghandhom jigu michudha u dana stante li kif anki ordnat din il-Qorti diversament presjeduta fi proceduri ricenti u frivoli li ressaq l-konvenut rikonvenzjonat, l-minuri ghandhom jibqghu fil-kura u kustodja tal-attrici, u dan anki kif ftehmu l-partijiet permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni bonarju li ffirmaw bejniethom, u kif inhu fl-ahjar interess taghhom, kif anki rrelatat l-psikologa Carmen Sammut, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi dwar ir-raba talba, din ukoll ghandha tigi michuda u dana stante li l-intimat ma huwiex il-persuna idonea sabiex jiehu hsieb it-tfal ghax huwa jghix hajja raffrettata, mzewwqa b'hafna nisa, tendenza li kellhu anki fiz-zwieg li kellu mal-attrici rikonvenzjonata, u apparti minn hekk, ghalkemm jipprova jiddistingwi u jiffilosofizza dwar l-umanita u jghid li uliedu huma mrobbijin bhala 'tfal tat-tieni klassi', xi haga li l-attrici tichad bil-qawwa kollha, huwa hu c-cittadin tal-ahhar grad, ghax mohhu biss fid-ditti u l-kozmeticita tal-hajja, u lanqas hu kapaci jzomm ambjent nadif fejn jistghu jitrabbew it-tfal u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

6. Illi dwar il-hames talba, din ghandha tigi michudha u dana peress li l-intimat diga ghandu access adegwat iffissat ghalih, liema access huwa esagerat u qieghed jippregudika lil-minuri peress li huma jhossuhom li ma jistghux jikkoncentraw fuq l-iskola u l-attivitajiet taghhom u jghixu hajja normali ta’ zewg itfal;

7. Illi dwar is-sitt u s-sebgha talba dawn ghandhom jigu michudha f’dak li jirrigwarda t-talbiet kif imfassla mill-konvenut rikonvenzjonat stante li huma llkoll infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenzjonat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum dwar l-ewwel eccezzjoni tal-attrici rikonvenzjonata ghall-kontro-talba tal-konvenut;

Ikkunsidrat :

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha, l-attrici rikonvenzjonata tikkontendi li t-talba rikonvenzjonali mressqa mill-intimat hija ammissibbli mill-ligi u dan abbazi tal-fatt li ma setax jintavola talba rikonvenzjonali *stante* li t-talbiet tieghu qatt ma kienu l-mertu tal-medjazzjoni li fethet l-attrici rikonvenzjonata u dan abbazi tar-Regolament 9[1][c] tal-Avviz Legali 397/2003.

L-attrici rikonvenzjonata ticcita l-Artikolu tal-Avviz Legali msemmi aktar ‘il fuq li jghid li l-parti ghandha tipprezenta ittra fir-Registru tal-Qorti fejn tghid x’inhi t-talba taghha u ghalhekk tikkontendi li l-kawza odjerna hija bbazata biss fuq it-talbiet taghha fl-istess imsemmija ittra li permezz taghha gew istitwiti l-proceduri ta’ medjazzjoni. F’dan il-kuntest, l-istess rikonvenzjonata taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet AB vs CB

(Rikors Guramentat Numru 501/2007NC) deciza nhar is-7 ta’ Dicembru 2010 fejn gie dikjarat is-segwenti:

‘***Ir-ratio legis ta’ din il-parti tal-ligi huwa car, u cioe’ li meta tinqala’ kwistjoni bejn il-partijiet dwar haga, li tidhol fl-ambitu tal-kazijiet indikati fir-regolament 9, ghandha tinfetah medjazzjoni, qabel ma ssir il-kawza, bl-iskop li l-medjatur jipprova jwassal lill-partijiet ghal ftehim dwar dik il-kwistjoni indikata fl-istess ittra. Dan ifisser li l-medjazzjoni tkun saret fuq dik il-kwistjoni biss; u ghalhekk, fin-nuqqas ta’ provi li juru l-kuntrarju, il-prezunzjoni hi li dak li gie diskuss fil-medjazzjoni hija l-kwistjoni li tkun giet indikata fl-ittra, sakemm il-kwistjoni ma tkunx indikata b’mod generali bhala wahda ta’ firda personali fejn allura jigu diskussi l-effetti konsegwenzjali kollha tas-separazzjoni; izda meta bhal fil-kaz prezenti l-ittra tkun limitata ghal haga wahda biss....u l-medjazzjoni tkun inghalqet minghajr success u l-parti tkun allura giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza, din l-awtorizazzjoni tkun valida biss ghall-kwistjoni indikata fl-ittra’***.

Ghalhekk, l-argument tal-istess attrici rikonvenzjonata huwa dak li (dejjem skond hi), it-talbiet rikonvenzjonali tal-intimat imorru lil hinn mill-kontenut tal-ittra tal-medjazzjoni taghha u konsegwentement, l-istess intimat rikonvenzjonant m’ghandu ebda dritt li jressaq tali talbiet permezz tal-kontro-talba tieghu.

Min-naha tieghu l-intimat rikonvenzjonant jargumenta li l-bazi tat-talbiet hija dik li z-zewg partijiet qed jitolbu li jkun hemm bdil fil-kuntratt ta’ separazzjoni ppublikat bejniethom. Barra minn hekk, l-istess intimat jghid ukoll li l-kwistjonijiet ta’ manteniment u kura u kustodja tal-istess minuri gew diskussa fil-medjazzjoni. Izid jghid li t-talbiet tieghu jaqghu taht il-parametri mhux biss ta’ dak li gie diskuss quddiem il-medjatur, izda talli jaqghu fil-parametri tal-istess ittra ta’ medjazzjoni li tat bidu ghall-proceduri ta’ medjazzjoni, ghaliex il-kwistjonijiet jaqghu taht il-kappa ta’

x'inhu fl-ahjar interessi tal-minuri u l-bdil li jidher li jridu z-zewg partijiet (ghalkemm b'mod differenti) fil-kuntratt ta' separazzjoni taghhom.

Il-Qorti tirrileva li mill-ittra[2] li permezz taghha gew intavolati l-proceduri ta' medjazzjoni bejn il-partijiet jirrizulta li l-klawsoli li r-rikorrenti ssemmi li tixtieq li jigu varjati huma relatati mal-access tal-minuri, l-manteniment tal-istess minuri kif ukoll il-modalita' ta' kif jithallsu l-ispejjez relattivi ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri. Min-naha tieghu, l-intimat rikonvenzjonant qieghed jitlob bdil dwar il-kura u l-kustodja tal-istess minuri, l-access, il-manteniment u l-kwistjoni dwar ic-*children's allowance*. Ghalhekk jirrizulta li jekk l-interpretazzjoni tal-ligi ghandha tittiehed b'mod estremament ristrett, il-kwistjoni tal-kura u l-kustodja tal-minuri ma tistax titqies bhala kwistjoni li giet diskussa fil-mori tal-medjazzjoni bejn il-partijiet. Bl-istess mod, irid jitqies li ma gietx diskussa l-kwistjoni relatata mal-passaporti tal-minuri, u cioe' r-raba' talba tar-rikorrenti fejn qed titlob li tkun awtorizzata sabiex tapplika ghall-passaporti tal-minuri b'mod esklussiv, *stante* li din m'hijiex wahda mill-kwistjonijiet imsemmija fl-istess ittra ta' medjazzjoni li tat bidu ghall-proceduri odjerni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-interpretazzjoni tal-Artikolu citat ghandha tkun wahda li m'hijiex restritta bl-aktar mod estrem. Wiehed irid jistaqsi, x'gie diskuss waqt il-medjazzjoni? Jekk it-twegiba fil-mod wiesgha taghha hija dik li gew diskussi aspetti relatati mal-minuri, kif wara kollox jirrizulta li gara fil-kaz odjern, (*stante* li l-ittra ssemmi l-access, il-manteniment u l-modalita' tal-hlas tal-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni), allura t-talbiet rikonvenzjonali zgur li jaqghu taht il-kappa tal-kwistjonijiet relatati mal-minuri. Zgur li ma kienitx l-intenzjoni tal-legislatur li jesigi li f'kull ittra ta' medjazzjoni trid titnizzel b'mod specifiku dak li jrid jigi diskuss fil-mori tal-medjazzjoni. Huwa bizzejjed li jigi maghruf l-iskop tal-istess medjazzjoni b'dan li jekk parti trid li tiddiskuti l-kwistjonijiet tal-minuri m'ghandhomx jigu diskussi kwistjonijiet relatati ma' proprjeta' per ezempju. Huwa anke f'dan il-kuntest li ssir referenza ghall-kawza citata aktar 'il fuq mir-rikorrenti fejn huwa minnu li l-Qorti rreteniet li l-kawza trid tkun ibbazata fuq dak li gie msemmi fl-ittra ta' medjazzjoni u fuq dak li gie diskuss fl-istess ittra ta' medjazzjoni, pero' fl-istess sentenza citata jirrizulta bl-aktar mod car li l-ittra tal-medjazzjoni kienet

[2] Liema ittra hija esebita a fol 19 tal-process

ibbazata fuq l-access favur il-missier[3], filwaqt li t-talbiet attrici jinkwadraw ruhhom fuq il-proprjeta’ ta’ bejn il-partijiet fosthom talba specifika ghall-izgumbrament ta’ wahda mill-partijiet. It-talbiet imsemmija zgur li ma jistghux jaqghu taht l-istess kappa relatata mal-access tal-minuri favur il-missier u ghalhekk il-Qorti thoss li s-sentenza hawn citata m’ghandhiex applikabbilita’ ghall-kaz odjern.

Irid jinghad ukoll li jekk jigu mnizzla fl-ittra tal-medjazzjoni aspetti li huma relatati mal-minuri u mhux ohrajn, dan m’ghandux ikun ta’ xkiel ghal dik il-parti li ntavolat l-ittra ta’ medjazzjoni sabiex tiddiskuti aspetti varji dwar l-istess minuri kif wara kollox m’ghandux ikun ta’ xkiel ghall-parti l-ohra li taghmel talbiet permezz ta’ kontro-talba, dejjem relatata ma’ aspetti tal-istess minuri. Dan qieghed jinghad mhux biss biex ma naslux fl-assurdita’ li jrid ikun hemm imnizzel kull aspett li ser jigi diskuss fil-mori tal-medjazzjoni fl-ittra ta’ medjazzjoni izda wkoll sabiex ikun hemm ekonomija tal-gudizzju. Bl-istess argument tar-rikorrenti, allura il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ talba li strettament m’hijiex imnizzla fl-istess ittra ta’ medjazzjoni, izda l-Qorti ma taqbilx ma’ tali interpretazzjoni. Ghalhekk, jekk dak li gie diskuss fil-mori tal-medjazzjoni jaqa’ taht il-kappa ta’ kwistjonijiet relatati mal-minuri, allura dan ghandu jkun mismugh u deciz mill-Qorti u konsegwentement, ma kien hemm ebda impediment ghall-intimat li jintavola l-kontro-talba tieghu (kif wara kollox ma kien hemm ebda impediment ghar-rikorrenti stess li taghmel talba specifika dwar il-passaporti tal-minuri).

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-attrici rikonvenzjonata A B u tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu taghha.

Bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra r-rikorrenti A B.

[3] Ara pagna 5 tas-sentenza esebita man-nota ta’ sottomissjonijiet datata l-24 ta’ Marzu 2014

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------